**Mistoqsijiet Frekwenti dwar il-COVID-19 u l-annimali**

## 1. X'jikkawża l-Corona jew COVID-19?

Il-Coronaviruses (CoV) jagħmlu parti mill-familja ta' viruses tal-RNA (aċidu ribonuklejku). Jissejħu corona viruses għax il-partikola tal-virus tesibixxi 'corona' (kuruna) karatteristika ta' proteini ppuntati madwar il-qoxra lipida tagħha. Infezzjonijiet tal-CoV huma komuni fl-annimali u fil-bnedmin. Xi tipi tal-CoV huma żoonotiċi, jiġifieri jistgħu jiġu trasmessi bejn annimali u bnedmin, iżda bosta minn dawn ir-razez mhumiex żoonotiċi u għaldaqstant ma jiġux trasmessi bejn l-annimali u l-bnedmin.

## 2. Xi prekawzjonijiet jistgħu jittieħdu ma' annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali?

Għalkemm l-oriġini tal-virus tal-COVID-19 għadu inċert, bħala prekawzjoni l-WHO tirrakkomanda l-applikazzjoni ta' miżuri ta' iġjene ġenerali meta żżur annimali ħajjin, swieq, rziezet, żoos, santwarji tal-annimali u kwalunkwe post ieħor fejn hemm preżenza ta' prodotti tal-annimali jew prodotti sekondarji tal-annimali.

Għandhom jiġu segwiti wkoll ir-rakkomandazzjonijiet maħruġin mill-awtoritajiet tas-saħħa għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-infezzjoni. Dawn jinkludu:

- Aħsel idejk regolarment jew uża s-*sanitizer*, kemm qabel kif ukoll wara li tkun qrib jew timmaniġġja l-annimali;
- Għatti ħalqek u mnieħrek bil-minkeb meta tisgħol jew tagħtas;
- Evita kuntatt fil-qrib mal-annimali, jew jekk ikollok sintomi ta' mard respiratorju bħal sogħla jew għatis;
- Evita kuntatt dirett bla bżonn mal-annimali (eż. tilgħaq, tbus, eċċ..)
- Kif jitolbu l-prattiċi ġenerali u tajbin għas-sikurezza tal-ikel, laħam nej, ħalib jew organi tal-annimali għandhom jiġu mmaniġġjati b'attenzjoni biex jiġi evitat il-kontaminazzjoni kroċjata ma' ikel mhux imsajjar. Laħam minn bhejjem b'saħħithom li jkun imsajjar sew jista' jittiekel bla periklu.

## 3. Il-kuntatt ma' bhejjem tar-razzett jew pets, għandu jiġi evitat?

S'issa m'hemm l-ebda indikazzjoni li bhejjem tar-razzett jew annimali oħra bħal pets għandhom xi rwol fit-trasmissjoni tal-coronavirus. Meta taħdem f'kuntatt ma' bhejjem tar-

razzett, huwa importanti li tirrispetta r-regoli normali ta' iġjene. Raħħala jew persuni li jieħdu ħsieb l-annimali u li qiegħdin kwarantina minħabba l-coronavirus, għandhom jiddelegaw il-kura tal-bhejjem tagħhom lil xi ħaddieħor, jew jekk dan mhux possibbli, jillimitaw il-kuntatt mal-annimali għal mill-anqas possibbli. Il-kura tal-annimali għandha tiġi ggarantita.

4. **Jista' l-virus jiġi trasmess mill-annimali għal-bnedmin, jew vice versa?**

Għandha ssir distinzjoni bejn trasmissjoni u propagazzjoni. Ir-riskju ta' trasmissjoni hija meqjusa bħala baxxa ħafna. Annimali, produzzjoni u pets, m'għandhomx x'jaqsmu mal-iżvilupp kurrenti tal-epidemija. Madanakollu, fil-preżent m'hawnx informazzjoni komprensiva disponibbli. Ma jistax jiġi eskluż li l-pet ta' pazjent bil-coronavirus jista' jew ma jistax jiġi infettat. S'issa, l-annimali ma wrew l-ebda sintomu tal-marda, i.e.: ma jimirdux. Il-propagazzjoni kurrenti hi essenzjalment minn bniedem għal bniedem u m'hemm l-ebda evidenza li l-annimali għandhom xi rwol fil-propagazzjoni tal-coronavirus.

5. **Jekk annimal (bhima tar-razzett jew pet) ikollu l-virus li jikkawża l-COVID-19 fuq ġismu, dak l-annimal jista' jgħaddi l-virus lil xi ħadd?**

Hemm ħafna mard li jista' jinfirex mill-annimal għall-bniedem. Bħalissa, m'hemm l-ebda evidenza li tagħti x'tifhem li l-COVID-19 tista' tinxtered mill-annimali. Tajjeb li wieħed jirrakkomanda, bħala prekawzjoni ġenerali, li n-nies għandhom dejjem jaħslu jdejhom wara li jmissu jew jiġu f'kuntatt mal-annimali. Kuntatt dirett bla bżonn ma' annimali (eż. tilgħaq, tbus, eċċ..) għandu jiġi evitat ukoll.

**<u>Bhejjem tar-razzett</u>**

6. **Jistgħu il-prodotti agrikoli, bħall-għalf tal-bhejjem, ikunu sors ta' kontaminazzjoni għar-razzett?**

S'issa m'hemm l-ebda tagħrif xjentifiku li l-virus jista' jiġi trasmess permezz ta' dawn is-sorsi.

7. **X'miżuri għandhom jittieħdu f'każ ta' viżitaturi li jidħlu fir-razzett, eż. uffiċjali regolatorji, ħaddiema part-time, viżitaturi?**

Interventi veterinarji, żootekniċi jew kwalunkwe intervent ieħor li jkun neċessarju għas-saħħa, trattament xieraq u operat ta' kuljum tar-razzett, għandhom ikomplu jitwettqu

b’mod normali filwaqt li jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji bħal ħasil spiss tal-idejn.

Dawk kollha li jżuru r-razzett għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-iġjene, bħal ħasil regolari tal-idejn jew l-użu ta’ *hand sanitizers*, kif ukoll mal-proċeduri normali ta’ bijosigurtà tar-razzett partikolari. Ir-razzett għandu jiġi mgħammar b’mod adegwat biex jippermetti l-ħasil spiss tal-idejn eċċ.. Viżitaturi li ma jkunux essenzjali għar-razzett għandhom jiġu evitati.

8. **Jekk ir-raħħala, jew il-familji tagħhom, ikunu kwarantina, jistgħu jkomplu bil-ħidma tagħhom fir-razzett?**

Individwi li jkunu kwarantina suppost għandhom jibqgħu id-dar, u jekk possibbli, jevitaw kuntatt ma’ nies jew annimali oħrajn. Il-kura tal-bhejjem għandha tiġi ddelegata lil xi ħaddieħor, jew jekk dan ma jkunx possibbli, jillimitaw il-kuntatt tagħhom mal-bhejjem għal mill-anqas possibbli. Għandhom isiru arranġamenti neċessarji biex tiġi assigurata l-kura u t-trattament xieraq tal-bhejjem b’mod garantit.

9. **Kif jistgħu jiġu protetti l-bhejjem?**

Għandhom jiġu rispettati l-istandards tal-iġjene u tal-bijosigurtà normali għar-razzett. Nies li jittestjaw fil-pożittiv għall-COVID-19, jew dawk b’sintomi kompatibbli mal-COVID-19, għandhom jibqgħu id-dar u possibbilment jevitaw kuntatt ma’ nies jew annimali oħra.

10. **Hu meħtieġ li bhejjem tar-razzett jitqiegħdu fi kwarantina?**

Fil-preżent m’hemm l-ebda ħtieġa ta’ miżura ta’ kwarantina prevista għall-bhejjem.

**<u>Prodotti ta’ oriġini mill-annimali</u>**

11. **Laħam jew prodotti tal-ħalib li ġejjin minn pajjiżi affettwati, tajbin għall-ikel?**

Skont il-WHO, m’hemm l-ebda riskju li l-COVID-19 jittieħed minn prodotti tal-annimali. Prattiċi sikuri tal-immaniġġjar tal-ikel, bħal ħasil tal-idejn u s-sajran sew tal-ikel, għandhom dejjem jiġu pprattikati bħala prekawzjoni ġenerali.

**Annimali ta' kumpanija**

**12.X'għandi nagħmel jekk ikolli bżonn nieħu l-pet tiegħi fi klinika veterinarja?**

Jekk ikollok bżonn tieħu l-pet għand veterinarju, jkun aħjar jekk tikkuntattja l-klinika minn qabel biex tagħmel appuntament, u minn hemm 'l quddiem għandek issegwi linji gwida ulterjuri.

**13.Hemm xi tilqima disponibbli kontra l-virus tal-COVID-19 li jien nista' namministra lill-pet tiegħi?**

Fil-preżent m'hemmx tilqim disponibbli kontra l-virus tal-COVID-19, kemm għal bnedmin kif ukoll għall-annimali. Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), it-tilqima għal bnedmin hija stmata li tkun disponibbli fi żmien 12-18-il xahar.

**14.X'nista' nagħmel biex niżgura li l-pet/s tiegħi jingħata/w kura jekk xi ħadd fid-dar tiegħi jkun kwarantina?**

Jeħtieġ li tippjana għall-bżonnijiet tal-pets tiegħek biex jiġi żgurat provvediment adegwat ta' ikel u medikazzjoni għalihom.

**15. X'jiġri jekk niddaħħal l-isptar minħabba l-virus tal-COVID-19 u ma jkollix min jieħu ħsieb il-pet tiegħi?**

Tista' tikkuntattja lid-Dipartiment fuq **1717** għall-assistenza biex jgħinuk issib akkomodazzjoni xierqa għall-pet tiegħek.

**16.Jien nitma' l-qtates u responsabbli għall-qtates fil-lokalità tiegħi. Għandi nibqa' nitma' l-qtates?**

Għandhom isiru arranġamenti biex jiġi żgurat li l-annimali jibqgħu jingħataw kura. Għandu jinżamm kuntatt minimu ma' qtates. Dawk li jitimgħu il-qtates għandhom isegwu r-rakkomandazzjonijiet maħruġin mill-awtoritajiet tas-saħħa biex jipprevjenu t-tixrid tal-infezzjoni u jassiguraw li jżommu rwieħhom informati dwar kwalunkwe aġġornamenti.

**17.Żjarat f’santwarji tal-annimali għandi nevitahom?**

Għalkemm skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) sal-lum m’hemm l-ebda evidenza li kelb jew qattus jista’ jittrasmetti l-virus tal-COVID-19, xorta waħda għandu jkun rakkomandat li jiġu evitati żjarat bla bżonn f’santwarji tal-annimali. Kull min iżur is-santwarji għandhom jikkonformaw ma’ miżuri tal-iġjene bħall-ħasil spiss tal-idejn u l-użu ta’ *hand sanitizers*. Il-postijiet għandhom jiġu mgħammra b’mod adegwat biex jippermettu l-ħasil spiss tal-idejn, eċċ. Viżitaturi bla bżonn fis-santwarji għandhom jiġu evitati.

**18.Il-voluntiera jistgħu jżuru s-santwarji/x-xelters rispettivi?**

Żjarat f’santwarji tal-annimali għandhom jinżammu minn tal-anqas possibbli. Madanakollu, l-persuni risponsabbli għandhom jiżguraw li l-annimali jkomplu jingħataw kura, ikel, ilma u trattamenti xierqa. Għandhom isegwu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet maħruġin mill-awtoritajiet tas-saħħa għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-infezzjoni.

**<u>Żjajjar lill-annimali fi stabbilimenti oħra</u>**

**19.Nista’ nżur annimali għall-gost?**

Minbarra l-annimali li jkunu pets, żjajjar lill-annimali għall-gost, bħal dawk li jkunu miżmumin f’żoos, stabbilimenti tat-tnissil, stabbilimenti tal-imbarkazzjoni u postijiet fejn jinżammu l-klieb (kennels), għandhom jiġu evitati.

**20. Nista’ nżur annimali oħra li jien responsabbli għalihom?**

Hu meħtieġ li annimali miżmumin taħt ir-responsabbiltà tiegħek jiġu mitmugħa u meħuda kura b’mod regolari, u li dawn l-annimali jingħataw il-kura normali li jeħtieġu biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet minimi ta’ saħħa u ta’ trattament xieraq. Dan jinkludi annimali miżmumin f’pet shops, żoos, kollezzjonijiet privati, annimali miżmumin għall-esperimentazzjoni, eċċ..

**Referenzi**


- Questions and Answers on the 2019 Coronavirus Disease (COVID-19) OIE World Organisation for Animal Health- https://www.oie.int/en/scientific-expertise/specific-information-and-recommendations/questions-and-answers-on-2019novel-coronavirus/
- Ufficio federale dell'agricoltura UFAG Switzerland- https://www.blw.admin.ch/blw/it/home/nachhaltige-produktion/produktionssicherheit/neuescoronavirus.html